26 ta' Mejju, 1967

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Emanuele Micallef et

*versus*

Francis Mercieca

**Preskrizzjoni — Brevi — Bejgħ — Merkanzija — Ingrossa bl-imnut bl- — Prezz — Ħlas ta' — Azzjoni — Għall-**

*F'dina s-sentenza l-Qorti ddiskutiet il-prinċipji li għandhom jiddistingwu l-bejgħ bl-ingrossa u l-bejgħ bl-imnut għall-fini tal-preskrizzjoni brevi ta' tmintax-il xahar għall-azzjoni tal-kredituri għall-prezz ta' oġġetti mibjugħa bl-imnut.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi proprio et nomine wara li ppremettew li huma biegħu u kkonsenjaw lill-konvenut diversi partiti ta' merkanzija, konsistenti fl-oġġetti kif deskritti fid-dokumenti "A", "B", "C" u "D" hemm esibiti, talbu li — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċesarji u mogħti kull provvediment opportun; il-konvenut jiġi minn din il-Qorti kkundannat iħallashom is-somma bilanċjali ta' tmienja u sebgħin lira, ħames xelini u sitt soldi (£78.5.6.) prezz ta' merċa lilu mibjugħa u konsenjata; bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Marzu, 1964, u l-imgħaxijiet kummerċjali mid-data tal-ittra uffiċjali;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal, in linea preliminari, li għall-azzjoni attriċi tista' l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar kontemplata fl-artikolu 2253(b) tal-Kodiċi Ċivili;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Frar, 1967 li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu u ddiferit il-kawża għall-kontinwazzjoni fil-meritu, wara li kkunsidrat —

Illi kif jirriżulta mill-verbal tal-20 ta' Jannar, 1967 id-deċiżjoni preżenti għandha tkun limitata għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenuta; naturalment hi biss dina l-preskrizzjoni li tista' tiġi kunsidrata, u din hi li tirrigwarda l-bejgħ ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobili li jkun sar bl-imnut;

Illi sija mill-kont esibit u sija mill-provi li nstemgħu jirriżulta li l-konvenut, li jagħmel il-mobbli u kien daħħal makkinarju u għandu xi impjegat miegħu, kien jixtri mingħand l-atturi x'injam tal-kaxxi apparti minn oġġetti oħrajn li hu jkollu bżonn minn żmien għal żmien għax-xogħol li jkun

qiegħed jagħmel; għalkemm il-kwantitajiet li kien jixtri ma kienux ikunu kbar, u dan hu anke kriterju biex il-bejgħ jitqies bl-imnut jew għall-ingross, b'dana kollu, anke mħabba r-raġuni li l-akkwist kien isir in konnessjoni max-xogħol riferit tal-konvenut u ċioè biex jiġi nkorporat b'mobilja li kien jagħmel milli biex jerġa' jinbiegħ jew jiġi wżat jew kunsmat, l-istess dejn għandu *iżjed jitqies derivanti minn operazzjonijiet* kommerċjali jew kawża oħra li ma jagħtux lok għall-preskrizzjoni opposta (Vol. XXXI, iii, 235); verament xi oġġetti anqas ma jipprestaw ruħhom għad-distinzjoni msemmija (i.e. il-kaxxa) u d-diskors sar fuq il-kont kollu globali, riżultat taddiversi operazzjonijiet u mhux fuq dawn singolarment;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi l-imsemmija sentenza tiġi revokata billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar sollevata minnu u konsegwentement *miċħuda* t-talba tal-atturi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

Rat ir-risposta tal-atturi li biha qalu illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Illi skond l-artikolu 2253 (b) tal-Kodiċi Ċivili, li fuqu hi bażata l-eċċipita preskrizzjoni, huma preskritti bl-għeluq ta' tmintax-il xahar l-azzjonijiet tal-kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbili mibjugħa bl-imnut u l-kwistjoni kollha bejn il-partijiet għall-finijiet tal-preżenti appell tirrisolvi ruħha f'jekk l-ammont in kwistjoni kienx prezz ta' ħwejjeġ mibjugħa bl-imnut.

Illi l-liġi tagħna in materja ma segwitx it-test tal-liġi taljana u *franċiża li ġeneralment servew lil-leġislatur tagħna ta'*

modell. Dawn jittrattaw dwar krediti ta' kummerċjanti għall-prezz ta' merċi minnhom mibjugħa, skond l-artikolu 2139 tal-Kodiċi taljan tal-1865 lill-"persone che non ne fanno commercio", u skond l-artikolu 2272 tal-Kodiċi franċiż (segwit fl-art. 2178 tal-Kodiċi Naplitan, artikolu 2317 tal-Kodiċi Estensi u artikolu 2400 tal-Kodiċi Albertini) lill-"particuliers non marchands."

Illi minn dan jidher li d-distinzjoni fondamentali li ried jagħmel il-leġislatur tagħna kienet bejn il-bejgħ bl-imnut u l-bejgħ bl-ingrossa. Il-kriterju distintiv ġie delineat f'Paragrafu, in segwitu ripetutament ċitat, tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ presjeduta mill-Imħallef Paolo Debono fil-15 ta' Novembru, 1892 fl-ismijiet "Attard vs. Refalo"; "La legge non definisce i relativi concetti del grande e del piccolo commercio; del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto; ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore è che il primo vende per lo più coloro i quali commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo più ai consumatori e in piccole quantità misurate dal bisogno di costoro" (Koll. Vol. XIII 294).

Illi, aċċettat dan in linea ta' prinċipju, din il-Qorti fis-sentenza (Appell Inferjuri) tas-17 ta' Jannar 1912 fl-ismijiet "Fenech v. Galea" (Koll. Vol. XXI. i, 406) opportunatament aġġungiet illi l-liġi fid-dispożizzjoni in eżami ma tħarisx lejn dik li tista' tkun il-professjoni abitwali tant tal-grossista kemm tad-dettaljatur, imma tħares biss lejn il-vendita fiha innifisa "e se questa è fatta a minuto, cioè in piccole partite, essa soggiace alla prescrizione breve di diciotto mesi, sia che venga fatta dal negoziante al dettagliatore sia che da quest'ultimo si faccia al consumatore, potendo darsi il caso che anche il grossista rivenda in qualche caso particolare le sue merci in dettaglio." U kompliet tgħid din il-Qorti "che pertanto sarebbe

errore non applicare la prescrizione suddetta al caso di un bottegaio che rivenda merci in piccole quantità ad un altro il quale intende metterle a disposizione del consumatore, ma si deve solamente vedere se trattisi di un'operazione all'ingrosso o al minuto."

Illi għalhekk, għalkemm is-sentenza appellata donnha tiftiehem li dan teskludih, ġie ritenut proprju fis-sentenza ċitata mill-ewwel Onorabbli Qorti (Koll. Vol. XXXI, iii, 235), fuq li skorta tas-sentenza fuq imsemmija, li ma jistax jiġi eskluż il-bejgħ bl-imnut anki meta kummerċjant ibiegħ lill-kummerċjant ieħor biex dan jirrivendi.

Illi fil-każ partikolari jirriżulta li l-konvenut appellant, li jaħdem l-għamara, kien meta jonqsu xi ħaġa, jibgħat lil-lavrant tiegħu jixtri dak li jonqsu mill-ħanut tal-atturi, u ħarsa lejn il-kont esibit (fol. 4-7) ma tantx tħalli dubju fuq in-natura tal-bejgħ. L-għola partiti huma magħmulin minn xiri ta' kaxxi vojta tal-injam, ħġieġ u xi ftit folji tat-"three ply". Imma dak li hu verament sinjifikattiv hu li kważi nofs il-partiti kollha huma ta' mhux aktar minn ħames xelini. L-ewwel partita (10 ta' Jannar, 1955) hi għal nofs artal imsiemer bil-prezz ta' xelin u nofs, partita li tirrikorri anki awmentata għal ratal u ridotta għall-miżerja ta' kwart. Wieħed jiltaqa wkoll ma' xi ratal ġibs, xi tużżana viti u xi erba' rażżi.

Illi għalhekk billi fil-fehma tal-Qorti l-kreditu li jifforma oġġett ta' din l-azzjoni hu għall-prezz ta' oġġetti mibjugħa blimnut, hemm lok għall-applikazzjoni tal-preskrizzjoni brevi ta' tmintax-il xahar kontemplata fl-artikolu 2253 (b) tal-Kodiċi Ċivili. Il-partiti kollha jinsabu għal bosta aktar minn tmintax-il xahar u ma rriżultat ebda interuzzjoni tal-preskrizzjoni applikabbli.

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-

appell, tirrevoka s-sentenza appellata u takkolji l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar opposta mill-konvenut apppellant, u konsegwentement tiċħad it-talba tal-atturi appellati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.